MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 721/2011

**Saliba Bros Limited**
**(C – 2295)**

**vs**

**JAJ Company Limited**
**(C – 22257)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti fuq indikata ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi bieghet u kkonsenjat materjal ta' kostruzzjoni lis-socjeta` ntimata fuq inkarigu taghha stess;

2. Illi a bazi tal-istess, is-socjeta` ntimata ghad ghandha bilanc pendenti ta' tmintax –il elf u disgha u sittin Ewro u sebgha u hamsin centezmu, (€18,069.57);

3. Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet, is-socjeta` ntimata baqghet ma hallsitx l-ammont de quo dovut lis-socjeta` rikorrenti;

Illi ghal din ir-raguni s-socjeta` rikorrenti qed titlob li din il-qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas l-ammont fuq indikat lis-socjeta` rikorrenti;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali dovut kif mitlub minnha fit-talba taghha kontenuta fl-istess rikors promotur fuq indikat;

Rat in-notifika tas-socjeta`ntimata li effettivament saret permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

Semghet ix-xhud in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-istess xhud in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti rega' kkonferma bil-gurament tieghu dak precedentement ukoll minnu kkonfermat fir-rikors promotur;

Illi ghalhekk mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur de quo sad-data tax-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti fl-atti tal-kawza, il-pozizzjoni fattwali sollevata ma nbidlitx;

Illi ghalhekk din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghaliex m'ghandhiex ma takkoljix bhala debitament assodat skont il-ligi, l-fatti kif esposti mis-socjeta` rikorrenti;

Illi ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-istess talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` ntimata JAJ Company Limited bhala socjeta` debitrici tas-socjeta` rikorrenti Saliba Bros. Ltd.;

2. Tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta` ntimata debitrici fuq indikata lis-socjeta` rikorrenti Saliba Bros. Ltd. fl-ammont ta' tmintax –il elf, u disgha u sittin Ewro u sebgha u hamsin centezmu, (€18,069.57);

3. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata fuq indikata thallas is-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti in dizamina;

4. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kummercjali dovuti kif mitluba mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors promotur taghha sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------